MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 119/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)

Vs

Daniela Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Marzu, 2003 ghall-habta tat-8.30 hrs hdejn Ghajn Dwieli roundabout, L/O Fgura :
1) naqset li tipproduci lill-Pulizija l-licenzja tas-sewqan skond il-ligi;
2) naqset li tipproduci l-polza tas-sigurta’ tal-vettura fiz-zmien skond il-ligi;
3) ghamlet uzu mill-vettura numru tar-registrazzjoni EBB 272 minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

4) saqet il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija, jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata), u dan ai termini tal-Artikoli MVR 24, Sec. 8 (1) Chap. 104, Sec. 3 (1) Chap. 104, Sec 15 (1)(a)(3), Chap. 65.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2003, li biha wara li rat l-artikoli MVR 24, Sec. 8 (1) Chap. 104, Sec. 3 (1), Chap. 104, Sec. 15 (1)(a)(3) Chap. 65, illiberat lill-imputata minn kull imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl--24 ta' Gunju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-istess sentenza, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni erronea tal-ligi stante li skond l-artikolu 360A (1) tal-Kodici Kriminali , l-oneru li jirrizerva l-kontro-ezami jinkombi fuq l-akkuzata appellata DANIELA CAMILLERI u mhux kif indikat fis-sentenza appellata .

Fliet l-atti kollha proceswali ;

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum ;

Illi trattandosi ta' punt ta' dritt din il-Qorti ma deherliex li f'dan l-istadju kellha tisma l-provi ;

Illi l-Ewwel Qorti telegrafikament immotivat is-sentenza appellata bil-kliem testwali :-

"Illi peress li l-imputata ma inghatatx l-opportunita' li taghmel il-kontro-ezami tax-xiehda tal-Prosekuzzjoni stante illi qatt ma giet mgharrfa li kellha d-dritt li taghmel hekk , din il-Qorti M'GHANDHIEX ALTERNATTIVA OHRA , HLIEF LI TILLIBERA LILL-ISTESS IMPUTATA" (emfasi ta' din il-Qorti) .

Illi l-artikolu 360A (1) jghid testwalment hekk :-

"Fi proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 il-Pulizija tista' , flimkien mac-citazzjoni jew f'kull waqt li jigi wara , tinnotifika lill-akkuzat kopji ta' kull affidavit maghmul minn ufficjal pubbliku jew minn impjegat jew ufficjal ta' korp maqghud imwaqqaf b'ligi u li ghandu jingieb bhala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proceduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jingiebu bhala prova fl-istess proceduri , u jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa ghandu, mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufieh wara n-notifika ta' l-affidavit , javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata u malli dan , il-persuna li jrid isirilha l-kontro-ezami ghandha titharrek biex tixhed fil-proceduri :

………

Izda wkoll meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien provvdut kif imsemmi qabel , dak l-avviz li huwa jkun jixtieq jaghmel il-kontro-ezami jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufieh wara n-notifika ta' l-affidavit F'LIEMA KAZ IL-PERSUNA LI GHANDU JSIRILHA L-KONTRO-EZAMI GHANDHA TITHARREK BIEX TIXHED FIS-SEDUTA LI JKUN IMISS." (emfasi tal-Qorti) .

Issa minn ezami ta' dan l-artikolu gdid li gie introdott bl-Att III tas-sena 2002, jidher li dan l-artikolu imkien ma jobbliga lill-Prosekuzzjoni taht piena ta' nullita' li trid tavza lill-imputata bid-dritt taghha li tirrizerva l-kontro-ezami , ghalkemm skond din il-Qorti dan hu ferm rakkomandabbli li jsir u ghandha tigi ntrodotta formola appozita li tkun mehmuza mal-komparixxi kull meta l-Prosekuzzjoni tkun trid taghmel provi b'affidavit, jekk mhu ghal xejn, biex tinqata' dak li tidher li hi sensiela ta' liberazzjonijiet mill-Ewwel Qorti w appelli mill-Avukat Generali fuq dan il-punt .

Issa anki jekk l-imputata appellata ma gietx mgharrfa bid-dritt taghha li taghmel il-kontroezami ta' xi xhud tal-Prosekuzzjoni , ma jidhirx mill-process li saret xi talba mill-

appellata biex tkun tista’ taghmel kontroezami u li dan ma setax isir ghax ix-xhud ma kienx prezenti . Kull ma hemm fil-verbal tal-unika udjenza li nzammet hu :-

“Meta ssejhet il-kawza dehret l-akkuzata assistita minn Dr. Robert Montalto.
“PC 1276 imsejjah tlett darbiet ma deherx. Ma gietx prezentata riferta.
“Kawza deciza” .

Igifieri l-Ewwel Qorti bla ma semghet provi u billi injorat ghal kollox l-affidavit tax-xhud tal-Prosekuzzjoni , anki fl-assenza ta’ talba mill-imputata biex taghmel xi kontro-ezami tax-xhud tal-Prosekuzzjoni, iddecidiet il-kawza bil-mod kif iddecidietha.

Imma apparti dan , anki kieku l-imputata tablet biex tikkontroezamina lil PC 1276 , kif jidher car mit-tieni proviso tal-artikolu 360A fuq riprodott , meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-imputat ma setax jirrizerva l-kontr-ezami ta’ xhud tal-Prosekuzzjoni li jkun xehed bl-affidavit , il-Qorti tista’ taghti differiment ghal dan l-iskop u b’hekk jigu salvagwardati kompletament id-drittijiet tal-imputat ghall-difiza xierqa . Konsegwentement ma kienetx korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li m’ghandhiex alternattiva ohra hlief li tillibera lill-imputata appellata , ghaliex proprju l-istess artikolu 360A li introduca din il-possibilta’ ta ’ produzzjoni ta’ xhieda b’affidavit, fit-tieni proviso tieghu jati lill-Qorti l-alternattiva tad-differiment ghas-smiegh tal-istess xhud u eventwali kontroezami , fejn hi tkun sodisfatta li l-imputata ma setghetx tirrizerva l-kontroezami ;

L-Ewwel Qorti jidher li injorat ghal kollox din il-possibilta’ w minhabba f’hekk waslet ghall-liberazzjoni tal-appellata ghal-motivazzjoni li ma hix legalment fondata w korretta .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata izda biex ma ttellifx lill-Prosekuzzjoni w lid-difiza mil-beneficcju tad-“doppio esame” , wara li jitqiesu u /jew jinstemghu il-provi kollha taghhom skond il-ligi , qed tibghat l-atti tal-

kawza lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jinstema' mill-gdid minnha .

Fl-istess waqt, tirrakkomanda li fil-futur, meta l-Prosekuzzjoni tkun trid tuza l-procedura msemmija fl-artikolu 360 A, ghandha tiehu hsieb tavza lill-imputat li tkun behsieba tuza din il-procedura w tavzah ukoll bid-dritt tieghu li jista' javza b'ittra registrata lill-Kummissarju tal-Pulizija li hu jrid jaghmel il-kontro-ezami , biex b'hekk jigi evitat telf ta' zmien u differimenti bla bzonn li jkomplu jzidu il-pressjoni ta' xoghol fuq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) inutilment .

Tordna ghalhekk li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata w tingieb a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija a kura tar-Registratur ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------